MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 102/2004

**Sr Luigia fis-sekolu Dolores, Gaetano, Joseph u Antonio lkoll ahwa Grech**

**-vs-**

**Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi wara li ppremettew illi fl-Att tat-Twelid ta' missier l-atturi li jgib in-numru erba' mija u disgha u sebghin ta' l-elf disa' mija u hmistax (479/1915) - anness u market dokument A - fil-parti relattiva ghat-taghrif dwar it-tarbija fil-kolonni ntestati: Ismijiet moghtijin lit-tarbija u Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha, ismu gie registrat u jidher bhala Michele;

Illi l-isem li proprjament kien gie moghti lit-tarbija ma kienx ta' Michele izda ta' Nicholas, kif fil-fatt jinsab registrat b'mod korrett fl-atti tal-maghmudija tal-Parrocca ta' San Gorg fejn kien gie mghammed fis-16 ta' Awissu 1915 - certifikat tal-maghmudija anness u market B.

Illi isem missier l-atturi jinsab registrat ukoll b'mod korrett bhala Nicholas kemm fl-Att taz-Zwieg tieghu ma' ommhom Antonia nee' Gatt kif ukoll fl-Att tal-mewt tieghu - dokumenti relattivi annessi u markati C u D rispettivament;

Illi anke fl-Attijiet tat-Twelid ta' l-atturi isem missierhom gie registrat ukoll b'mod korrett bhala Nicholas - certifikati relattivi annessi u markati dokumenti E, , G u H.

Illi l-imsemmi li bih missier l-atturi kien maghruf u li bih huwa kien imsejjah u li kien juza komunement sa ma miet kien ta' Nicholas u mhux Michele.

Illi l-atturi jridu u ghandhom interess li jitolbu korrezzjoni fir-registrazzjoni hawn fuq indikata fl-Att tat-Twelid ta' missierhom, liema korrezzjoni qed tintalab ai termini ta' l-Artikolu 253(2)(3) tal-Kodici Civili Kap 16.

Talbu li din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara li l-isem moghti lill-missier l-atturi fit-twelid tieghu hu l-isem li bih missier l-atturi kien maghruf u li kien imsejjah bih m'huwiex ta' Michele izda ta' Nicholas;

2. konsegwentement a tenur tad-disposizzjonijiet imsemmija tordna l-korrezzjoni relattiva fl-Att tat' Twelid ta' missier l-atturi numru erba' mija u disgha u sebghin ta' l-elf disa' mija u hmistax (47/1915) billi fil-parti relattiva ghat-taghrif dwar it-tarbija fil-kolonni ntestati: Ismijiet moghtijin lit-tarbija u Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha, ir-registrazzjoni relattiva tigi koreguta ghall-isem Nicholas minflok Michele.

Bl-ispejjez.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Rat id-dikajrazzjoni guramentata, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn eccepixxa:

1. illi huwa jaqbel illi ghandu jigi korrett isem missier l-atturi sabiex tigi ratifikata konfuzjoni illi nholqot, anke jekk l-izball ma hux tort tad-Direttur;

2. illi huwa ma hux edott mill-fatti u ghaldaqstant jirrimetti ruhu a savju gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

3. illi ghaldaqstant, l-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu sofefrti interament mill-attur u f’kull kaz id-direttur m’ghandux ibati spejjez.

4. salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata.

Semghet lill-attrici tiddikjara verbalment illi l-isem li bih kien imsejjah missierha kien ta’ Nicholas u mhux ta’ Michele.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Peress illi t-talbiet attrici jirrizultaw gustifikati, taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ l-istess talbiet. Tordna l-korrezzjoni relattiva fil-Att ta’ Twelid ta’ missier l-atturi numru erba’ mija u disgha u sebghin ta’ l-elf disa’ mija u hmistax (479/1915) billi fil-parti relattiva ghat-taghrif dwar it-tarbija fil-kolonni ntestati: Ismijiet moghtijn lit-tarbija u Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha, ir-registrazzjoni relattiva tigi korreguta ghall-isem Nicholas minflok Michele.

Spejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------